MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1317/2003

**Applied Economics Consulting Limited**
**-vs-**
**Deep Sea Aquaculture Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **ic-citazzjoni** tas-socjeta’ attrici Applied Economics Consulting Ltd. li permezz taghha ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ elf, tmien mija, sittin Lira Maltija, tnejn u tletin centezmu (Lm1,860.32) rapprezentanti ‘*disbursements’* ta’ spejjez maghmula mis-socjeta’ attrici, kif ukoll fis-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm23,000), inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud, rapprezentanti servizz rez lis-socjeta’ konvenuta, fuq

istruzzjonijiet taghha u dan in konnessjoni ma’ ‘*tuna fish farming*’, kif jirrizulta mill-*istatements* annessi u mmarkati Dok. A;

Peress illi s-socjeta’ attrici hija wkoll kreditrici tas-socjeta’ konvenuta ghall-interessi fuq l-istess ammonti mid-data ta’ l-ispejjez maghmula u tas-servizz rez rispettivament, sad-data tal-pagament effettiv;

Peress illi l-kreditu li komplessivament jammonta ghal erbgha u ghoxrin elf, tmien mija, sittin Lira Maltija, tnejn u tletin centezmu (Lm24,860.32) huwa cert, likwidu u dovut da parti tas-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici;

Peress illi s-socjeta’ konvenuta, nonostante l-fatt li giet diversi drabi nterpellata biex thallas, baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, tmien mija, sittin Lira Maltija, tnejn u tletin centezmu (Lm24,860.32) fuq imsemmija flimkien ma’ l-imghax fuq l-istess.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat **id-dikjarazzjoni** tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet** tas-socjeta’ konvenuta a fol. 15 tal-process li permezz taghha tecepixxi:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-eccipjenti qatt ma kellhom ebda ftehim mas-socjeta’ attrici;

2. Illi Dok. A ezebit mis-socjeta’ attrici, ma jidhirx li huwa dokument mahrug mis-socjeta’ attrici u inoltre m’huwiex ftehim izda huwa biss kont li s-socjeta’ qed tesebixxi ma’ dawna l-atti;

3. Illi l-uniku tip ta’ ftehim ezistenti bejn is-socjeta’ eccipjenti u l-Profs. E. Scicluna u l-Profs. C. Agius kien ‘*proposal*’ li sar bejn il-partijiet datat 15 ta’ Novembru 2001 li permezz tieghu kien regolat is-servizz li kellu jigi provdut minn dawn iz-zewg persuni msemmija. Illi l-kundizzjonijiet miftehma f’dan il-‘ftehim’ ma gewx rispettati minn Agius u minn Scicluna kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

4. Illi inoltre x-xoghol imwieghed mill-Profs. Scicluna u mill-Profs. Agius ma mmaterjalizza qatt u dana peress li l-permess tal-awtoritajiet sabiex isir it-‘Tuna Penning Farm’ baqa’ ma giex awtorizzat u kien hemm rifjut;

5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-esponenti gja’ hallsu lil Profs. Scicluna u l-Profs. Agius tax-xogholijiet li huma ghamlu;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dak li qed jigi mitlub, apparti li qatt ma kien hemm ftehim fuqu, huwa wkoll esagerat;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Fatti</u>**

Illi f’din il-kawza s-socjeta` attrici qieghdha titlob hlas ghas-servizzi professjonali rezi minnha lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma’ progett ta’ *tuna penning* li l-istess socjeta` konvenuta riedet tibda tiggestixxi.

Illi da parti taghha s-socjeta` konvenuta qieghdha ssostni li l-ebda ammont m’hu dovut principalment ghax hi ma ghamlet l-ebda ftehim u ma kkontrattax mas-socjeta` Applied Economics Consultancy Limited u wkoll ghaliex il-permess biex jigi avvjat dan il-progett gewwa Malta qatt ma hareg da parti tal-MEPA.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi huwa stabbilit li l-bazi ta’ azzjoni ghal servizzi moghtija tregi fuq zewg sisien: jigifieri, fuq il-kwazi-kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel

hekk bil-fehma li jithallas ta’ dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu zmien twil accettat li l-hlas ta’ servigi jista’ jkun dovut mhux biss *jure actionis*, igifieri meta huwa mifthiem, imma wkoll *officio judicis*, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas, ghandu jitqies il-waqt meta nghataw tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservux biex joholqu b’lura dritt ta’ fehma li ma kienitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu.

Illi jirrizulta illi principalment is-servizzi rezi in kontestazzjoni gew hekk rezi mill-Professur Edward Scicluna u tal-Professur Carmelo Agius. Illi originarjament il-kuntatt da parti tas-socjeta` konvenuta kien biss il-Professur Carmelo Agius bhala espert fis-suggett ta’ l-akwakultura. Dan pero xtaq li jkun assistit mill-Professur Edward Scicluna u ma jidhirx li s-socjeta` konvenuta kellha xi oggezzjoni hlief li huma ma jidhlux f’izjed spejjez.

Relazzjoni guridika

Illi s-socjeta konvenuta ghalhekk tikkontendi illi hija ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici. Illi f’dan l-istadju tajjeb li jigi sottolinejat illi l-Professur Edward Scicluna huwa direttur uniku tas-socjeta` attrici mentri l-Professur Carmelo Agius kien konsulent ma’ l-istess socjeta`.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tibda biex tara jekk is-socjeta` konvenuta hix gustifikata jew le li tghid li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta` attrici.

Illi meta wiehed jifli d-dokumentazzjoni voluminuza li pproducew il-partijiet f’dan il-kaz jiltaqa’ ma ghadd ta’ dokumenti, esebiti kemm da parti tas-socjeta` attrici u kif ukoll da parti tas-socjeta` konvenuta, li originaw mis-socjeta` Applied Economics Consultancy. Fost dawn wiehed isib Dok. A5 (fol. 40) li huwa *Project Description Statement*, Dok. A11 (fol. 102) li huwa *Projected Profit and Loss Accounts for DSA*, Dok. A29 (fol. 141) li hija ittra

da parti tas-socjeta` attrici lil manager tal-Bank of Valletta plc. Illi dina l-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` konvenuta kienet taf illi kemm il-Professur Scicluna u kif ukoll il-Professur Agius kienu qed joperaw taht il-kappa tas-socjeta` attrici. Mill-provi jirrizulta illi sakemm kienu ghadhom ghaddejin in-negozjati is-socjeta` konvenuta qatt ma qajjmet kwistjonijiet meta kien jidher l-isem tas-socjeta` attrici fuq xi rapporti jew *projections* li gew maghmula a beneficcju ta' l-istess socjeta`. Ghaldaqstant issa ma tistax tirrifjuta dak li hi stess accettat fil-perkors tas-servizzi moghtija lilha.

<u>Hlas ghas-servizzi rezi</u>

Illi stabbilit dan, imiss issa li jigi ccarat kif kellu jsir il-hlas ghas-servizzi resi. Il-Professur Scicluna jixhed illi originarjament is-socjeta konvenuta kienu offrewlhom 20% ta' l-ishma tal-Kumpanija bhala kumpens izda huma ppreferew li l-hlas jsir permezz ta' *retainer fee* kull xahar ghall-konsulenza u *success fee* fuq il-profitti netti tal-Kumpanija. Il-Professur Agius ighid li kienu se jithallsu permezz ta' *retainer fee* u *success fee*. Skond l-istess Professur Scicluna dan il-hlas kien rifless fil-business planipprezentat lis-socjeta` konvenuta u esebit bhala Dok. A11, A13 u A14. (fol. 102 et seq.). Fil-fatt fl-istess dokument wiehed isib *heading* "*management fee*" progettat fuq perjodu ta' tlett snin.

Il-verzjoni tas-socjeta` konvenuta hija ghal kollox differenti. Twanny Galea, wiehed mis-socji tas-socjeta` konvenuta, jghid illi originarjament huma kienu offrew li jhallsu lill-Professur Agius 20% tal-qliegh li kien se jkollhom minn dan il-progett jekk jinhareg il-permess. Skond l-istess Galea, il-Professur Agius kien talab lis-socjeta` konvenuta sabiex idahhal lill-Professur Scicluna f'din il-bicca xoghol u kien qalilhom li se jaghti 10% mit-20% tieghu. Dr. Anthony Cassar, awditur tas-socjeta` konvenuta, qal li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta kienu qalulu li sabiex isir il-hlas lill-Professur Scicluna u Professur Agius kien hemm kundizzjoni li jrid johrog il-permess.

Illi rrizulta illi l-permess sabiex jigi avvjat in-negozju tas-socjeta` konvenuta baqa' ma nharigx mill-MEPA. Kien ghalhekk illi l-Professur Scicluna u l-Professur Agius raw jekk setghux igibu permess simili barra minn Malta biex is-socjeta' konvenuta ma titlifx il-flus fuq l-investiment li kienet se taghmel. Fil-fatt jirrizulta illi l-istess Professuri kienu ghamlu kuntatti biex jispustjaw l-operazzjoni kollha ghall-ibhra Griegi.

Irrizulta wkoll illi din l-operazzjoni kollha giet fi tmiema billi ntlahaq ftehim fejn is-socjeta` konvenuta u l-Kumpanija Fish & Fish Co. Ltd. [1] fejn l-istess socjeta` obbligat ruhha li thallas lis-socjeta` konvenuta is-somma ta' Lm125,000 bhala rifuzjoni ta' l-ispejjez li kienu saru mis-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' *tuna penning u towing* fil-perjodu ta' bejn il-5 ta' Gunju u l-15 ta' Lulju 2002.

Illi l-*iter* ta' din l-operazzjoni kien wiehed kemmxejn ikkumplikat stante li kellu jinvolvi wkoll finanzjament qawwi da parti ta' investituri Gappunizi. Illi mid-dokumentazzjoni esebita jidher illi s-socjeta` attrici tramite l-operat tal-Professur Scicluna u l-Professur Agius ghamlu diversi kuntatti u anke attendew ghal diversi laqghat, anke barra minn Malta, biex il-progett tas-socjeta` konvenuta ikun jista' jsalva u jirnexxi. Mill-provi jirrizulta li l-permess tal-MEPA baqa' ma harigx. Madanakollu l-Professur Scicluna u l-Professur Agius sabu alternattiva ohra ghas-socjeta` konvenuta.

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti s-socjeta` attrici ghandha dritt tithallas ghas-servizz moghti minnha lis-socjeta`konvenuta. Il-kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta qieghdha illi fir-rigward ta' dawn is-servizzi moghtija, l-istess socjeta` konvenuta qatt ma ftehmet fuqhom mas-socjeta` attrici. Il-Qorti thoss li kieku s-socjeta` konvenuta ma riditx dawn is-servizzi kienet topponi ghalihom (kif qabel kienet biddlet llil-perit Edwin Mintoff u konsulenti ohra) u mhux sahanistra tibghat rapprezentanti taghha biex jitilghu l-Grecja maz-zewg Professuri biex jinnegozjaw dwar l-istess operazzjoni ta'

[1] Dok. A104 C a fol. 298.

qbid ta’ tonn. Ghaldaqstant il-Qorti tirrileva illi anke jekk ma kienx hemm ftehim inizjali dwar x’kienu t-tipi ta’ servizzi li dan il-progett kien se jinvolvi, l-istess socjeta` konvenuta kienet taf x’qed jigri u ghalhekk kien hemm ratifika da parti taghha ta’ l-istess u ta’ kull ma kien qed isir bil-ghan finali li l-operazzjoni kummercjali in kwistjoni tirnexxi.

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll illi l-Professur Scicluna u l-Professur Agius diga thallsu tax-xogholijiet li ghamlu. Illi pero ghandu jigi kkjarit illi l-involviment tal-Professur Scicluna u l-Professur Agius kien jirrigwarda zewg stadji. L-ewwel wiehed kien meta s-socjeta` konvenuta ikkumissjonathom jaghmlu Environmental Impact Assessment, u li ta’ dan hemm ftehim bil-miktub. It-tieni stadju kien jinvolvi ferm iktar impenn u gew inkarigati bih sussegwentement ghall-inkarigu tal-Environmental Impact Assessment. Illi l-hlas li s-socjeta’ konvenuta tghid li ghamlet kien ghax-xoghol fir-rigward tal-Environmental Impact Assessment u mhux ghal dak sussegwenti ghall-istess. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni m’ghandha l-ebda bazi guridika.

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet ukoll illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa wiehed esagerat. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet is-socjeta’ konvenuta ssostni illi certi spejjez saru mill-Professuri personalment u li ghalhekk ma tistax titlobhom is-socjeta` attrici. Illi l-Qorti thoss li tezisti kontradizzjoni bejn l-ewwel u is-sitt eccezzjoni, ghaliex ma tistax l-ewwel tichad li hemm rapport li jnissel l-azzjoni, u fl-istess waqt teccepixxi li t-talba hija wahda esagerata.

Illi ghalkemm huwa minnu illi fl-istatement ipprezentat f’din il-kawza bhala Dok. A jidhru fih l-ismijiet tal-Professur Scicluna u Agius, wiehed ta’ min jinnota illi fl-ahhar ta’ l-ewwel pagna ta’ l-istess statement hemm indikat VAT number u cioe’ 1355-5921 li huwa dak tas-socjeta` attrici.[2] Illi ghalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm f’uhud mid-dokumenti jidhru l-ismijiet biss tal-Professuri koncernati, l-istess Professuri kienu qeghdin joperaw

[2] ara affidavti tal-Professur Edward Scicluna a fol. 23.

ghan-nom tas-socjeta` attrici. L-istess haga jista' jinghad ghat-talba ta' rimborz ta' l-ispejjez maghmula mill-istess Professuri. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-lista li tidher a fol. 7 tal-process saret b'dan il-mod sabiex is-socjeta` konvenuta ikollha *breakdown* ta' l-ispejjez inkorsi u mhux tigi rinfaccjata b'somma globali bla ebda spejgazzjoni.

Illi fir-rigward ta' l-quantum tal-ammont dovut lis-socjeta` attrici ghas-servizzi resi hemm kontestazzjoni qawwija. Is-socjeta' attrici qieghdha titlob l-ammont ta' Lm20,000 gha-servizzi elenkati minnha (ara fol. 5 u 6 tal-process).

Illi ghar-rigward ta' l-ammont reklamat is-socjeta` attrici qieghdha tibbaza ruhha fuq *monthly payment* u *success fee*. Il-Professur Scicluna jghid illi r-*retainer fee* kellha tinhadem fuq il-business plan li kienu hejjew ghal dan il-progett, liema retainer fee kienet tlahhaq Lm98,500. L-istess ammont kellu jinqasam bejn tlieta min-nies u cioe' l-Professuri Scicluna u Agius ghas-socjeta` konvenuta u certu Sangok Park f'isem il-Kumpanija Hanil li kienet ukoll imdahhla f'dan il-progett. Dan ghalhekk kellu jammonta ghal Lm32,833 kull wiehed fis-sena. Barra minn hekk, skond l-istess Professur Scicluna, kellhom jircievu wkoll 5% tan-Net Operating Profit. Illi ta' min jirrileva illi f'dan il-proceduri ma ngabet l-ebda prova konklussiva ta' kemm verament ghamlet profitt minn din l-operazzjoni is-socjeta` konvenuta u ghalhekk huwa difficli ghal din il-Qorti sabiex tasal biex tikkwantifika l-5% Net Operating Profit. Madankollu huwa difficli biex il-Qorti tacetta l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta illi s-socjeta` attrici tramite l-Professuri Scicluna u Agius kienu se jikkuntentaw rwiehhom li ser jaghmlu dak ix-xoghol kollu u jithallsu biss jekk jinhareg il-permess tal-MEPA. Illi din il-Qorti ma tarax gustifikati s-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta li s-socjeta` attrici ma haqqha l-ebda kumpens ghall-prestazzjonijiet rezi.

Illi kien ikun hafna ahjar li kieku dak pattwit bejn il-partijiet gie redatt bil-miktub, billi altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkarigu lill xi hadd li jipprova li hu ghandu jaghti anqas minn dak mitlub minghandu. Is-socjeta` konvenuta sahqet bosta fuq dak li hi deherilha li kien jammonta ghal nuqqas ta' professjonalita`. Jibqa' l-fatt

pero illi s-servizzi resi huma konfortati b'dokumenti li jirriflettu x-xoghol li sar da parti tas-socjeta` attrici, xoghol li kien mifrux fuq mill-inqas seba' xhur ta' attivita' kontinwa f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ammont reklamat huwa wiehed li ma jistax jitqies bhala wiehed esagerat jew esorbitanti b'paragun ma' l-istess xogholijiet prestati ghall- operazzjoni daqshekk ikkumplikata. Jirrizulta illi filwaqt li l-istess diretturi tas-socjeta` konvenuta irriservaw ghalihom paga ghal xaharejn fl-ammont komplessiv ta' Lm16,000, fil-konfront tas-socjeta` attrici ma rriservaw l-ebda ammont ghal sebgha xhur xoghol u dan skond ma jirrizulta minn prospett imhejji mill-Accountant Anthony Cassar.[3] Fuq kollox is-socjeta` konvenuta ma kkontestat bl-ebda mod b'figuri taghha l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta
Tilqa' t-talba attrici
u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u hamsin elf, disa' mija u tmien Ewro u sebgha u disghin centezmu (€57,908.97) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, tmien mija, sittin Lira Maltija, tnejn u tletin centezmu (Lm24,860.32).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax dekoribbli min-notifika ta' din ic-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[3] Dok. A105 a fol. 301.